VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA | VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 70

fl-Uffiċċju tal-Kunsill, **it-Tlieta 18 ta' Diċembru, 2012 fl-17.00hrs**

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu preżenti s-Sindku, l-Viċi Sindku Joseph Spiteri u l-Kunsillieri Valerie Borg, Vincent Farrugia, Peter Buontempo u Mario Camenzuli.
Raymond Azzopardi ma setax jattendi minħabba raġunijet personali.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

1. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

1.1 Is-Sindku nforma l-Kunsill li minħabba li min Settembru li għadda s-sistema ta' LES ġiet trasferita lejn ir-Regjun il-Kunsill m'għad għandu l-ebda jedd fuq il-Wardens li suppost qed jgħatu servizz lill-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega kif il-Kunsill għadda l-bżonnijiet lir-Regjun biex jingħata s-servizz xieraq lil Belt Kapitali. It-Talba kienet ta' 200 siegħa minħabba l-bżonnijiet partikolari li għandha l-Belt. Sforunatament r-Regjun ma setax jonora din t-talba w għalhekk naqqashom għal 80 siegħa.

Is-Sindku spjega kif ir-Regjun iddeċieda li nhar ta' Tlieta mhux se jagħtu servizz ta' wardens lil Belt Kapitali. Is-Sindku saqsa lil Kunsillieri jekk dan mhux aċċettabli. Ilkoll qablu li dan mhux aċċettabli għal Kunsill tal-Belt Kapitali. Dan għaliex 8 siegħat kulljum mhux biżżejjed għal Belt.

Is-Sindku spjega wkoll kif ma jistax jifhem kif anke matul il-gurnata il-Kumpanija Sterling Security identifikat hafna miz-zoni fil-Belt bħala *hot areas.*

Is-Sindku stieden lil Ernest Tonna l- Authorised Officer tal-Kunsill Lokali tal-Belt.

Peter Buontempo u Mario Camenzuli staqsew jekk il-Kunsill Lokali tal-Belt jistax jibdel ir-Regjun. Is-sindku informhom li trid issir talba formali.
Il-Viċi Sindku s-seconda din il-proposta
Il-Kunsillier Vincent Farrugia qabel ukoll.

Il-Viċi Sindku ppropona jekk short term nibdlu r-regjun u ninaqdu ma dak ta' Ċentru w nagħmlu request biex il-quddiem il-Kapitali tiġi awtonoma min kull regjun. Is-Sindku qabel ma din il-proposta.

Ernest Tonna nforma li meta il-Belt kien parti mill-Kumitat konġunt (il-Belt, Floriana w Marsa kien għaddej tajjeb u organizzat.

Il-Viċi Sindku rrimarka dwar il-problema li qed ikun hemm meta it-Teatru Manoel u l-Sala tal-Mediterran ikun hemm. Reggħa tenna li idealment il-Kunsill tal-Belt jkun awtonomu.

Dawk kollha preżenti qablu li l-Kunsill għandu jitlob biex ma jibqax ma regjun Xlokk u temporanjament jingħaqad ma Regjun Ċentru. Wara jsiru l-arrangamenti biex il-Kunsill isir awtonomu.

1.2 Is-Sindku nforma li wara laqgħat li saru mal Kunsill tal-Furjana, l-Arriva u Transport Malta nlaħaq qbil li minħabba sigurta' il-Kunsill kien ser ikollu jaqsam spejjes bejn wieħed u ieħor €1,000.00 ta' barriers mal-Kunsill tal-Furjana. Dawn il-Barriers ser jieħdu ħsiebhom l-enforcement ta' Transport Malta. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**TMIEM**

Fis-18.30pm intemmet is-Seduta

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku